Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 279/2019: **ANDRE' GRECH ET. (KI. 381575M) U WINE (MALTA) LIMITED (C45621) V. KUMMISSARJU TAT-TAXXI U D-DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

(RIFERENZA KOSTITUZZJONALI DWAR JEKK IL-KONFISKA TA' XORB ALKOHOLIKU TAĦT IL-KAP. 382 META JINSTAB LI MA' TWAĦĦLUX IL-FAXXEX TAS-SISA HUWIEX LEŻIV TAD-DRITT FUNDAMENTALI TA' TGAWDIJA TAL-PROPRJETÀ)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**25 ta' Ottubru 2021**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Andre' Grech u Wine (Malta) Limited ("ir-rikorrenti") ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2019[1],

wara li rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi u tad-Direttur Ġenerali (Dwana)(flimkien "l-intimati") ippreżentata fl-10 ta' Jannar 2020[2],

wara li rat illi wara li bdew jinstemgħu l-provi, fit-30 ta' Marzu 2021 ir-rikorrenti ppreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tagħmel riferenza kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ta' kwistjoni li skond ir-rikorrenti tledi d-dritt fundamentali għat-tgawdija tal-proprjetà taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[3],

wara li rat ir-risposta tal-intimati ppreżentata fit-30 ta' Ġunju 2021,

---

[1] Fol 1
[2] Fol 21
[3] Fol 55-58

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Fid-29 ta' Awwissu 2019 numru ta' uffiċjali mit-taqsima tal-*Enforcement* tad-Dipartiment tad-Dwana ħarġu nota ta' qbid[4] lir-rikorrent Andre' Grech wara li ġewwa r-ristorant tiegħu f'Tas-Sliema instabu lesti għall-bejgħ numru ta' fliexken tal-inbid (sewwasew tletin flixkun) mingħajr ma' kellhom tikketti tas-Sisa fuqhom kif ukoll numru kbir (erba' mija tlieta u erbgħin) ta' tikketti tas-Sisa li kienu ma' twaħħlux fuq il-fliexken tal-inbid.

2. Ir-rikorrenti intavolaw rikors ai termini tal-Art.72(2) u 73 tal-Kap. 37 u tal-Art. 28(2) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tiddikjara li l-oġġetti maqbudin ma' kellhomx jiġu hekk maqbuda u kwindi tordna r-rilaxx tagħhom (jew tal-garanzija, skond il-każ).

3. Ir-rikorrent Andre' Grech xehed bil-mezz tal-affidavit illi huwa direttur fil-kumpanija Wine (Malta) Limited liema kumpanija tixtri inbid u xorb alkoħoliku mingħand diversi kumpaniji fosthom minn kumpanija bl-isem ta' Mirachem Limited. Din il-kumpanija, proprjeta' tar-rikorrent flimkien ma' ħutu, topera fin-negozju tax-xorb alkoħoliku u timporta madwar 300,000 flixkun inbid fis-sena u għandha ukoll *tax warehouse* fejn jinżamm l-inbid li ikun ġie importat f'Malta. Spjega li sabiex jieħu lura l-oġġetti maqbuda huwa kien ġie infurmat mid-Dipartiment li ried iħallas 90% tal-valur tal-fliexken tal-inbid (ċirka €1,809) flimkien ma' €300 bħala *out of court settlement*. Huwa ħass li dan l-ammont kien sproporzjonat meta imqabbel mal-valur tal-inbid innifsu u meta tqis illi huwa kien ħallas it-taxxa tas-Sisa u l-VAT fuq il-fliexken in kwistjoni.

4. Ix-xhud Mark Busuttil, rappreżentant tat-taqsima tal-*Enforcement* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana spjega illi minn investigazzjonijiet ulterjuri kien irriżulta illi mill-faxxex tas-Sisa (li banda oħra huma riferuti bħala "banderoli") kien hemm numru minnhom li kienu ilhom li tħallsu xi erba' xhur qabel il-qbid u oħrajn li saħansitra kienu ilhom minn Ġunju 2018 li tħallsu.

5. Ix-xhud Carmel Farrugia, Assistent Direttur fit-taqsima tal-*Excise Tax* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana, spjega illi

[4] Fol 5 u 31

*"Meta wiehed jimporta l- inbid l- procedura hija li kif jidhol l- inbid l-ewwel ma jaghmel ihallas id- dazzju dovut, japplika ghall- banderols jew tax stamps tghidilhom li trid, jigi d- dwana dak iz- zmien kien ghax illum hemm post iehor, jiġborhom u sa hamest (5) ijiem iwahhalhom fuq il- prodott konċernat".*

Il-ħlas fuq kull tikketta tas-Sisa kien ta' xi 2c5 għal kull waħda u dawn jitwaħħlu fuq kull flixkun tal-inbid irrispettivament mill-valur tiegħu. Spjega ukoll illi qabel ma' jiġu rilaxxati l-oġġetti mill-port, l-operatur irid iħallas ukoll il-VAT li tinħadem fuq it-total ta' kemm ikun jiswa l-oġġett importat inkluż is-Sisa. Ix-xhud ikkonferma illi r-rikorrent għandu ukoll *tax warehouse* għall-prodotti tal-alkohol li tfisser illi fuq dawn il-prodotti ma' titħallasx Sisa u VAT iżda dawn jitħallsu biss meta l-prodotti jiġu rilaxxati mill-*warehouse.* Ikkonferma ukoll illi l-*entries* fir-rigward tal-fliexken tal-inbid maqbuda kienu saru u li għalkemm ma' setax jgħid fiċ-ċert huwa qal li probabbli t-taxxa kemm tas-Sisa u kemm il-VAT fuq il-fliexken in kwistjoni kienu tħallsu. Ikkonferma ukoll illi l-faxxex tas-Sisa għal konsenja partikolari joħorġu biss malli jsir il-ħlas tas-Sisa u tal-VAT. Insista però li fi kwalunkwe każ ir-rikorrenti kienu kisru l-liġi darba ma' kienux waħħlu l-faxxex fuq il-fliexken tal-inbid entro t-terminu ta' ħamest ijiem. Spjega li bil-faxxex huma jkunu jistgħu jindagaw dwar il-provenjenza tal-flixkun in kwistjoni.

6. Ir-rikorrent Andre' Grech xehed ukoll *viva-voce* illi bħala proċedura malli l-kumpanija tiegħu tirċievi l-fliexken tal-inbid fil-port huma jirċievu *notice of arrival* u fattura mingħand il-konsenjatur. Titħallas is-Sisa u l-VAT lid-Dwana u l-burdnar imbagħad ikun jista' jtella' x-xogħol ix-xatt. F'dak l-istadju huma japplikaw ma' kumpanija bl-isem ta' OpSec li wara li tieħu l-*go ahead* mid-Dwana tissupplixxi l-faxxex tas-Sisa lill-kumpanija li tħallashom, tiġborhom u tibda l-proċess tat-twaħħil tagħhom. Ikkonferma li t-taxxa kollha fuq il-fliexken in kwistjoni kienet tħallset u li jista' jkun il-każ li l-faxxex tas-Sisa kienu nqalgħu minn fuq il-fliexken minħabba l-umdita' fil-post partikolari fejn jinżammu l-fliexken.

7. Għal kull bwon fini jiġi rilevat illi r-rikorrenti Andre' Grech mhuwiex jikkontendi illi s-Sisa u l-VAT ma' kellhomx jitħallsu fuq il-fliexken in kwistjoni (dawn ma' kienux inxtraw mill-kumpanija li kellha t-*tax warehouse* iżda minn kumpanija oħra tiegħu). Anzi jgħid għal darba darbtejn tlieta illi fuq il-konsenja in kwistjoni t-taxxa tas-SISA u l-VAT kienu tħallsu. Dan ġie kkonfermat ukoll mix-xhieda tad-Dipartiment.

8. Fir-rikors għal riferenza kostituzzjonali r-rikorrent Grech qed jargumenta illi l-aċċettazzjoni tad-Dipartiment illi t-taxxa kollha fuq il-fliexken in kwistjoni kienet tħallset u l-insistenza tiegħu li xorta waħda jaqbad dawn l-istess fliexken tledi d-

dritt fundamentali tiegħu li jgawdi l-proprjetà' tiegħu liema dritt huwa protett taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt il-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali. Dan billi l-effett tal-Art. 12 u 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 huwa li min jevadi t-taxxa u ma' jħallasx is-Sisa jitpoġġa fl-istess keffa ma' min jħallas it-taxxa kollha dovuta iżda jonqos milli jwaħħal il-faxxex tas-Sisa fuq l-oġġetti li jkun ħallas it-taxxa fuqhom.

9. L-intimati jiċħdu din l-allegazzjoni u jgħidu illi t-talba hija waħda frivola u vessatorja stante illi min jevadi t-taxxa u ma' jħallasx dak dovut minnu fuq il-fliexken tal-inbid ikun suġġett ukoll għal proċedimenti kriminali u mhux sempliċiment għal azzjoni amministrattiva. Jgħidu ukoll illi l-iskop tal-leġislatur li jimponi terminu ta' ħamest ijiem sabiex wieħed iwaħħal il-faxxex tas-Sisa fuq il-prodotti in kwistjoni huwa sabiex ma' jkunx hemm abbuż fis-sens li dawn il-faxxex jiġu mwaħħlin fuq fliexken li ma' jkunux tħallsu s-Sisa fuqhom.

10. Il-Qorti tara illi l-argumenti tal-intimati m'humiex konvinċenti għal kollox. Ibda biex, mix-xhieda tad-Dipartiment stess irriżulta illi l-faxxex tas-Sisa **u li fuqhom titħallas is-Sisa** ma' jingħatawx qabel ma' tkun saret verifika illi tkun tħallset it-taxxa ossia l-VAT fuq il-fliexken in kwistjoni. Ix-xiri tal-faxxex minnhom nfushom huma għalhekk prova illi s-Sisa u l-VAT tkun tħallset. Ma' tqajjmet l-ebda allegazzjoni mid-Dipartiment li kien hemm xi abbuż fil-faxxex nfushom bħal ngħidu aħna allegazzjoni illi dawn kienu diġa twaħħlu fuq fliexken oħra.

11. Fir-rigward tal-ksur tal-obbligu li l-importatur għandu sabiex iwaħħal il-faxxex tas-Sisa fuq il-fliexken importati fi żmien ħamest ijiem, l-Art. 12(6)(a) u 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 jipprovdu kif ġej:

*'12 (6) (a) Kull min jonqos li jwaħħal faxxa jew bolla tas-sisa fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tinxtara, ħlief għal magazzinier awtorizzat, għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mitt euro (€100) u l-Qorti għandha tordna wkoll il-konfiska tal-faxex jew bolli tas-sisa li ma twaħħlux fiż-żmien mogħti. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-ethyl alcohol innifsu għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli'*

*'12 (8) (a) Kull min ikollu fil-pussess tiegħu faxex jew bolli tas-sisa mhux imwaħħlin wara li jkunu għaddew ħamest (5) ijiem minn meta xtrahom, ħlief jekk ikun magazzinier awtorizzat, għandu jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mitejn u ħamsin euro (€250) u l-Qorti għandha tordna l-konfiska ta' dawn il-faxex jew bolli tas-sisa. B'żieda ma' dan, il-konfiska tal-ethyl alcohol innifsu għandha sseħħ ukoll skont il-liġi, kif applikabbli.'*

L-Artikolu 13 tal-istess Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 imbagħad tipprovdi illi:

*'13. Kull kwantità ta' ethyl alcohol li tinstab fil-pussess ta'persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11 jew 12għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Attjew b'xi liġi oħra, tiġi konfiskata favur il-Gvern'*

12. Għalhekk għalkemm jista' jagħti l-każ li fil-prattika ma' jittieħdu ebda proċeduri penali kontra min ikun naqas biss milli jwaħħal il-faxxex fuq il-fliexken tal-inbid (skond kif ingħad mill-intimati fir-risposta tagħhom għar-rikors), madanakollu l-liġi nnifisha tipprovdi għal proċeduri penali (u mhux sempliċiment azzjoni amministrattiva) anke għal tali vjolazzjoni tal-liġi.

13. Huwa minnu però illi min effettivament jevadi t-taxxa jew jittenta jagħmel dan m'huwiex imqiegħed fl-istess keffa ma' min sempliċiment jonqos milli jwaħħal il-faxxex tas-Sisa, għaliex f'każ ta' ħtija l-ħati ikun suġġett għal pieni ferm iżjed ħorox ossia multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas jew ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat, liema minnhom hu l-inqas, iżda f'kull każ mhux inqas minn €600.[5]

14. Il-Qorti tara però illi 'l hinn minn proċeduri penali u multi f'każ ta' ħtija, tabilħaqq il-konfiska tal-oġġetti li fuqhom ma' jkunux twaħħlu l-faxxex tas-Sisa hija azzjoni li tittieħed *across the board* mingħajr distinzjoni bejn min ikun ukoll evada jew prova jevadi t-taxxa u min jkun ħallas it-taxxa dovuta. Il-konsegwenzi għal min jrid jipprova jieħu lura l-oġġetti konfiskati huma serji peress illi l-persuna affettwata tkun trid tħallas kważi l-valur kollu tal-fliexken maqbuda flimkien ma' somma oħra amministrattiva. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi jista' jagħti l-kas illi l-konfiska hija miżura drakonjana, eċċessiva u mhux fl-interess pubbliku. Din hija materja però illi tista' tiġi mistħarrġa biss mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u ċertament ma' taqax taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti. Li hu żgur però huwa li t-talba tar-rikorrenti għal riferenza kostituzzjonali la hija frivola u lanqas vessatorja u għalhekk jistħoqqilha tiġi akkolta.

---

[5] Art. 16(1) Kap. 382

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta tirreferi l-kwistjoni mqanqla mir-rikorrenti lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex din tiddeċiedi jekk il-fatt illi l-leġislatur jimponi b'mod tassattiv l-konfiska tax-xorb alkoħoliku:**

- **taħt l-Art. 12(6)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta fuq tali xorb ma' jkunx twaħħal faxxa jew bolla tas-sisa fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta jinxtara, u**

- **taħt l-Art. 12(8)(a) tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta meta persuna jinstab li jkollu fil-pussess tiegħu faxex jew bolli tas-sisa mhux imwaħħlin wara li jkunu għaddew ħamest (5) ijiem minn meta xtrahom**

**mingħajr distinzjoni bejn min ikun evada jew prova jevadi l-ħlas tat-taxxa dovuta u min ikun effettivament ħallas it-taxxa dovuta, huwiex leżiv tad-dritt fundamentali ta' tgawdija tal-proprjetà taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |